# PJAN TAL-LEZZJONI

**Titlu: Meta nkunu flimkien inkunu ferħanin**

**Subtitle: 8.10 (Ċelebrazzjoni) Nifirħu flimkien**

**Għanijiet:**



Sal-aħħar ta' din il-lezzjoni, it-tfal ser:

1. jifirħu flimkien u japprezzaw aktar lil xulxin.
2. jiktbu messaġġi sbieħ lil xulxin.
3. jagħtu suġġerimenti ta' kif wieħed jista' jkun aktar kuntent.

**Riżorsi għal-lezzjoni:**



- karta (double sided)
- Video/Żifna
- pupazz

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Oħroġ pupazz quddiem it-tfal u spjegalhom li hu jinsab imdejjaq. It-tfal probabilment ser jistaqsu għaliex. Spjega li 'Srixxi' (l-isem tal-pupazz) għadu kif xtara dar sabiħa ħafna u l-karozza tal-ħolm tiegħu madwar sena ilu. Hu dejjem jixtri li jkollu bżonn iżda jinsab imdejjaq ħafna u ma jafx għaliex. Ma jistax jifhem għalfejn huwa mdejjaq, minkejja li jipprova jiftakar fil-karozza, d-dar u l-logħob kollu li għandu, kollha għalih biss. Dejjem igerger, ġieli minħabba x-xita u drabi oħra jgerger għax ikollu jqum kmieni għax ikollu x'jagħmel. Spjega li ġie f'din il-klassi għax jixtieq l-għajnuna mingħandhom.

- Staqsi lit-tfal, "Għalfejn taħsbu li huma mdejjaq?" "X'jista jagħmel?" Niddiskutu kemm hu tajjeb li napprezzaw dak kollu li għandna

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- Agħti  karta/template fejn fin-nofs tal-paġna huma ser jiktbu isimhom.

F'din l-attività t-tfal ser ikunu qed iduru u jpartu l-karta tagħhom ma' ta' ħaddieħor u fiha ser jiktbu messaġġ sabiħ lil xulxin.
I.e. jekk student A u student B partu l-karta, Student A ser jikteb messaġġ sabiħ e.ż. għandek qalbek tajba, grazzi ta' meta.... filwaqt li student B ser jagħmel l-istess lill-student A.

Din l-attivita ser ddum sakemm it-tfal kollha jkunu kitbu messaġġ lil kull membru fil-klassi. L-għalliema tista' tagħmel l-attività magħhom.

Fl-aħħar, it-tfal ser isibu lura posthom u ser jingħataw ftit tal-ħin sabiex jaqraw dak li kitbulhom sħabhom.

Skond jekk jifdalx il-ħin, it-tfal jistgħu jaqsmu ma' sħabhom l-iktar messaġġ li laqathom.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

- it-tfal ser jerġgħu jirrevedu l-punti ewlenin li ddiskutejna matul l-lezzjonijiet kollha dwar ferħ li jiġi permezz ta:

mħabba/ familja: L-imħabba ġġib il-ferħ.

Fejn hemm l-għaqda hemm il-paċi u l-imħabba.




Meta nħarsu lejn dak kollu li għandna tajjeb inkunu nistgħu napprezzaw aktar lil xulxin.

apprezzament + nħarsu lejn il-pożittiv

għajnuna

## Nagħżlu flimkien (Attitude)

- It-tfal ser juru li huma kapaċi jgħinu lil ħaddieħor ikun aktar ferħan billi jħarsu lejn l-aktar affarijiet importanti fil-ħajja – familja/mħabba, apprezzament ...
- It-tfal ser jaħsbu fil-kwalitajiet sbieħ ta' ħaddieħor billi jiktbu messaġġ pożittiv lil ħaddieħor.
- japprezzaw aktar l-affarijiet pożittivi f'ħajjithom anki fi żminijiet ta' qtigħ il-qalb.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

It-tfal ser jiżfnu mad-diska 'It's a beautiful life' billi jarw l-passi u l-movimenti fuq il-video. Id-diska hija ferriħija filwaqt li l-movimenti huma dattati għat-tfal. It-tfal ser ikunu kapaċi jkantaw fil-korus jiġifieri jgħidu l-kliem 'it's a beautiful life oh-oh-oh-oh...'.



## Nitolbu

Għażiż Mulej,
Grazzi tal-baħar u tar-ramel,
grazzi għax-xemx u x-xita,
għall-familja u l-ħbieb,
u l-imħabba tiegħek.

Grazzi talli tatina ċans ieħor
permezz tal-maħfra.
Għinna nkunu kapaċi
naħfru aħna wkoll.

Grazzi Mulej talli tajtni s-saħħa
u l-isbaħ rigal li
qomna dalgħodu u ninsabu tajbin.

Grazzi talli tkun magħna
fi żminijiet iebsin u grazzi
ta' kull min tibgħatli biex jkun
hemm għalija kull mument.

